MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 140/2003

**Artikoli18, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**v**

**STEPHEN YOUNG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **STEPHEN YOUNG** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Alexander u Josephine nee Callus, imwieled l-Awstralja nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 1981, residenti 'Carnation House', Joanna Gardens, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 216890M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur

u qabel Marzu 2002 b'diversi atti maghmulin minnuj wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmul b'rizoluzzjoni wahda fil-lejl ta' bejn is-sitta w is-sebgha ta' Jannar 2002;

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggettiu fosthom flus kontanti, *starter packs* tal-Vodafone, arloggi, sigaretti u *tapes* minn go hanut bl-isem 'Rasco Stationery' li hu sitwat fi Triq Giovanni Papaffi, B'Kara, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Maria Dolores Sultana, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-mezz;
2. Talli fil-lejl ta' bejn d-dsatax u l-ghoxrin ta' Frar 2002 fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom sigaretti, xorb, *toys* u *top up vouchers* tal-Vodafone minn gol-hanut bl-isem 'Antron Stationery' sitwat fi Triq il-Kbira, Hamrun li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Marvis Zahra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-hin;
3. Talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 2002 matul il-jum fil-Marsa, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb l-atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi kien ser jikkommetti serq minn go garaxx bla isem, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Frar 2003 esibit fl-atti processwali markat bhala dokument CSH 1, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita tant li fil-jum tal-presentata tal-kawza nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003 l-imputat irregistra ammissjoni ghal akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta'

dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tghid li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument meta giet rilaxxjata l-istqarrija esibita f'dawn l-atti mill-istess Prosekuzzjoni markata bhala dokument CSH 3.

Rat il-fedina penali tal-imputat li tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 2, u minn ezami taghha jirrizulta li l-imputat ghandu reat wiehed biss registrat fuqha li jirrisali ghas-sena 2002 dwar pussess ta' droga meta kien gie kkundannat disgha xhur prigunerija u multa ta' erbgha mitt lira maltin.

Illi l-Qorti rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat u cioe li ammetta l-akkuzi odjerni fl-ewwel opportunita li kellu u dan minghajr ebda dewmien u telf ta' hin ghal Qorti.

Qiset wkoll l-eta zghira tal-imputat u cioe li kelli biss wiehed u ghoxrin sena meta kkommetta r-reati in desamina u li l-valur tas-serqiet ma hux daqstant kbir.

Rat rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tikkreja bilanc bejn l-interess tas-socjeta li minnha jifforma parti l-imputat u dak tal-imputat stess li ghandha taghti sentenza lilu skond il-gustizzja u fil-fehma taghha il-piena idoneja hija dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, **tiddikjara li ssib l-imputat STEPHEN YOUNG hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn liema**

**perjodu qed jigi sospiz ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan b'zieda ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum b'dan li l-imputat probationer ghandu josserva is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. Illi matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat probationer ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. Illi l-imputat probationer ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**
**3. Illi l-imputat probationer ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**4. Illi l-imputat probationer ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi konsenjata minnufih lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation Services sabiex jinnomina ufficjal ghal dan il-perjodu ta' tlett snin.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------